**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta 24 ta' Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 1**
**Kaz Numru 624/16/LSO**

**Victoria Tabone (ID720149M) u Myriam Chemel Testaferrata Abela (ID 783445M)**

**vs**

**Daniel Orsini (ID 80270M)**

**Il-Qorti,**

Dan hu digriet fuq rikors tal-intimatipprezentat fl-10 ta' Ottubru 2016 fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex (i) tikkonsidra mill-gdid id-decizjoni taghha moghtija b'digriet taghha tat-28 ta' Lulju 2016, u filwaqt li thassar l-imsemmi digriet, tiffissa jum u hin sabiex l-esponent jaghti r-ragunijiet tieghu ghall-kontestazzjoni tat-talba ghall-izgumbrament tieghu mid-dar, u (ii) fin-nuqqas, tawtorizza lill-esponent sabiex jappella mill-imsemmi digriet quddiem il-Qorti tal-Appell.

Illi d-digriet li ghalih qed jaghmel riferenza l-intimat inghata wara l-prezentata tar-rikors guramentat fl-ismijiet premessi, intavolat fis-26 ta' Lulju 2016, fejn ir-rikorrenti fil-kawza talbu, bl-ewwel talba taghhom, li din il-qorti tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-**artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bid-Digriet taghha tat-28 ta' Lulju 2016 din il-Qorti *inter alia* ipprovdiet hekk:

*Rat ir-rikors guramentat u l-atti relattivi bit-talba ghad-decizjoni bid-dispensa tas-smigh, kif provdut fl-Artikolu 167 tal-Procedura Civili;*

*Illi stante l-ferjat, din il-kawza ma tistax tigi appuntata fit-termini stabbiliti mil-Ligi relattivament ghall-procediment sommarju specjali (vide Artikolu 169 u l-Artikou 10 tal-A.L. 139 ta' l-2004);*

*1. Tichad it-talba fuq imsemmija;*
*2. Tordna li din il-kawza tigi trattata u deciza fil-kors normali taghha;*
*3. Tappunta l-istess kawza ghal nhar il-11 ta' Ottubru 2016 fid-9.30 am.;*
*4.Tordna li r-rikors guramentat u l-atti l-ohrajn jigu notifikati lill-konvenut li jkollu ghoxrin(20) gurnata zmien min-notifika lilu tar-rikors guramentata biex jipprezenta r-risposta tieghu;*
*5.Tordna li dan id-digriet jigi notifikat lill-konvenut flimkien mal-atti l-ohrajn imsemmijin a spejjez provizorjament tas-socjeta' attrici."*

Illi jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat izda naqas li jipprezenta risposta guramentata;

Illi fit-trattazzjoni orali d-difensur tal-konvenut spjega li meta l-konvenut ikkontattjah, spjegalu fuq it-telefon il-kontenut tar-rikors u l-istess difensur gharaf li kienet kawza bil-giljottina. Ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jipprezenta risposta guramentata. Jidher li l-konvenut ma qralux

id-digriet anness mar-rikors guramentat u mir-rikors hu premess li d-difensur induna bid-digriet meta gie biex jipprepara n-nota sabiex jithalla jikkontesta t-talbiet.

Illi rat ir-risposta tal-atturi fil-kawza fejn opponew ghat-talba billi:

(a) irriferew **ghall-artikolu 10(2)(b) tal-Avviz Legali 139 tal-2004** u sottomettew li t-terminu stabbilit bl-artikoli 167 sa 170 ma setghux jigu rispettati billi r-rikors promotur gie intavolat waqt il-ferjat tal-Qorti;

(b) gjaladarba ma gewx osservati t-termini stabbiliti b'dawk l-artikoli allura l-kawza ma setghetx tigi deciza bid-dispensa tas-smigh;

(c) li d-decizjoni tirrientra fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti li taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jigux pregudikati;

(d) din il-Qorti dejjem ghandha d-diskrezzjoni li tichad it-talba ghad-dispensa tas-smigh;

(e) il-konvenut ma gie bl-ebda mod pregudikat bid-digriet in kwistjoni, anzi inghata d-dritt li jressaq id-difiza tieghu;

(f) ir-raguni moghtija mill-konvenut m'ghandhiex twassal sabiex jinghata permess biex jappella;

(g) mhuwiex legalment korrett li jintalab ir-rikunsiderazzjoni tad-digriet u fin-nuqqas l-awtorizzazzjoni ghall-appell.

**Ikkonsidrat**

**Dwar l-ewwel talba:**

Illi r-rikorrent odjern issottometta li **l-artikolu 169 tal-Kap 12** jiddisponi tassativament li fil-kazijiet imsemmija ir-rikors guramentat ghandu jkun

notifikat lill-konvenut minghajr dewmien; u ghandu jigi mharrek biex jidher mhux aktar kmieni minn hmistax-il jum u mhux aktar minn tletin jum min-notifika.

Izda fin-nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu l-qorti ma ghandhiex tieqaf timxi bi procediment sommarju specjali izda ghandha taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex id-drittijiet tal-partijiet ma jigux pregudikati (sottolinear tad-difensur tar-rikorrent odjern).

Inoltre skont **l-artikou 170 (1) tal-Kap 12** jissottometti li l-Qorti tista' biss b'sentenza tghaddi biex tilqa' t-talbiet tal-atturi inkuz allura t-talba ghas-smigh sommarju specjali.

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent odjern jippretendi li t-termini stipulati fl-artikolu 167 tal-Kap 12 jimponu obbligu fuq din il-Qorti li tkompli tisma' rikors skont din il-procedura sommarja anke minkejja li giet intavolata waqt il-vakanzi kif stabbiliti fl-Avviz Legali imsemmi fid-digriet.

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma’ din l-interpretazzjoni. Il-kliem sottolinejati fl-artikolu 169 jirreferu ghat-terminu minimu u massimu impost ta' 15-il jum u 30 jum bejn in-notifika tal-konvenut u d-dehra ghas-smigh. Difatti jekk il-konvenut mhuwiex notifikat ta' millinqas 15-il jum qabel l-appuntament ghas-smigh, il-Qorti b'gustizzja lejh, tenut kont in-natura specjali ta' din il-procedura, ghandha taghtih l-opportunita` li jipprepara sew izda mhux oltre t-terminu ta' 30 jum. Gjaladarba dan il-perjodu jiskadi, il-procedura tkompli bhala procedura ordinarja.

Illi ma hemm xejn li jorbot lil din il-Qorti biex tinjora id-disposizzjonijiet tar-regolamenti applikabbli ghall-funzjonament tal-Qrati senjatament bl-applikazzjoni tar-regolament 10(2) tal-AL 139 tal-2004[1] minn fejn jirrizulta car li r-rikors promotur gie pprezentat waqt il-ferjat. Huwa minnu

[1] Regolamenti ta’ l-2004 dwar il-Proçedura Çivili (Regolament tar-Registri, Arkivji u Funzjonijiet tad-Direttur Generali tal-Qrati u ta’ Uffiçjali Ezekuttivi tal-Qorti Ohra.

li kazijiet urgenti jistghu jinstemghu izda dan jigi determinat mill-Qorti stess (Reg. 10(4) tal-A.L. 139 tal-2004.

Ikkonsidrat li l-procedura tal-*giljottina* hi wahda eccezzjonali hafna u li tidderoga ghall-proceduri ordinarji. Ghalhekk ma tistax issir intepretazzjoni estensiva ghaliex fil-*ius singolare, exceptiones sunt strictissime interpretationis.* Dak ghar-rigward it-termini u r-rekwiziti sostantivi rikjesti ghal din il-procedura.

Difatti din il-procedura tant eccezzjonali tpoggi lill-konvenut fi zvantagg tant li jinkombi fuq il-Qorti li fil-kondotta tal-kawza tosserva certu kawtela biex ma tippregudikax id-drittijiet tad-difiza. (Ara ad ez **Valletta Aluminium and Wrought Iron works Ltd v Carmen Grech -** App. 08.05.01).

Illi fil-fehma tal-Qorti xejn jimpediha li tapplika t-termini tar-regolament premess purke' ma tohloqx pregiudizzju lill-partijiet. Dwar dan il-punt l-atturi josservaw li d-digriet ta' din il-Qorti tant mhix ta' pregiudizzju ghall-intimat li effettivament takkordalu d-dritt ghad-difiza minnufih minghajr il-htiega li jipprova li ghandu difiza fuq bazi *prima facie.*

Difatti l-gurisprudenza taghna stess tikkontempla li jsiru varjazzjonijiet fit-termini imposti, u f'tali kaz ghandhom allura japplikaw ir-regoli normali li solitament jigu mhaddma f'kaz ta' kawza li tkun ikkuntestata (*Vide* **Charles Bonnici nomine v Anna Farrugia** - App. 02.02.1999.

Illi anke kieku l-Qorti ma cahhditx it-talba ghad-dispensa tas-smigh imma semplicement appuntat il-kaz ghal wara l-ferjat, ir-rizultat kien ikun l-istess, cioe`, li l-proceduri jridu jitkomplu bhala proceduri normali.

Illi hekk kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Boris Arcidiacono v Cachia -** dec, fis-6 ta' April 1987 li:

"*Issa gie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti li t-termini imposti mil-Ligi fil-kaz tal-procediment sommarju specjali ghandhom jigu segwiti ad unguem u jekk dawn ma jigux segwiti l-kawza ghandha tiehu l-kors normali taghha u* <u>*jekk dan ma jsirx, ikun hemm lok ghall-annullament tas-sentenza moghtija fil-procediment sommarju specjali*</u> *billi dak il-procediment ikun huwa nnifsu null stante li ma jkunux gew osservati t-termini tal-Ligi."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Huwa minnu li l-konsiderazzjoni f'dik is-sentenza kienet tirrigwarda t-terminu ta' jumejn ghan-notifika tal-konvenut izda l-principju japplika wkoll ghal kaz odjern.

Illi huwa car li l-ewwel talba ghar-rikonsiderazzjoni ma tistax tigi akkolta billi t-termini stabbiliti fl-artikolu 167 sa 170 gja skadew u d-decizjoni li tipprosegwi ghas-smigh fic-cirkostanzi twassal ghan-nullita' tal-procediment kollu. (Ara in sostenn ta' dan is-sentenza fl-ismijiet **Miller Distributors Limited v Ignatius Zammit** (App.Civ. 28/06.2001) fejn il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat li l-kawza giet differita oltre t-terminu ta' 30 gurnata stipulata fl-artikolu 169 u ghaddiet biex irrevokat is-sentenza tal-Qorti tal-ewwel grad u awtorizzat lill-konvenut biex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu filwaqt li baghtet l-atti lura lill-isess Qorti.)

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel talba.

**Talba ghall-awtorizzazzjoni ta' Appell mid-Digriet.**

Illi dwar l-irritwalita *o meno* tat-talbiet kif dedotti, cioe` rikonsiderazzjoni u fin-nuqqas awtorizzazzjoni ghall-appell, gie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Hugh Peralta noe v Match Music Stores (Malta) Limited (**Dec.fit-18 ta' Settembru 2009) li "*Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet fil-meritu, din il-Qorti, f'kull kaz, tara li l-appell tas-socjeta` konvenuta ghandu jitqies null u irritwali peress li parti li taghmel rikors ghal rikonsiderazzjoni ta' cahda ta' talba (kif sar f'dan il-kaz) ma tistax, in segwitu`, tressaq appell kontra l-istess cahda tat-talba. Dan il-punt gie diskuss ricentement*

*minn din il-Qorti fil-kawza* ***Farrugia v. Suprentendent tas-Sahha Pubblika et,*** *deciza fid-29 ta' Mejju 2009 fejn ghal kaz li ghandu xebh ma' dak li sehh f'din il-kawza intqal hekk:*

*"L-appellanti Farrugia ghalhekk kellhom wahda minn zewg toroq x'jaghzlu in segwitu` ghad-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 li bih hassew ruhhom aggravati:*

*"(1) li jaghmlu rikors fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet inqara fejn jitolbu lill-Qorti tirrikunsidra d-decizjoni taghha (kif fil-fatt ghamlu fil-5 ta' Frar 2008), jew*

*"(2) li jaghmlu appell fi zmien sitt ijiem minn meta d-digriet inqara.*

*"Huma ghazlu l-ewwel triq, izda jidher li meta d-digriet tal-4 ta' Gunju 2008 ma tahomx ir-rizultat li xtaqu, iddecidew li jiehdu t-tieni triq ukoll, u cioe` li jappellaw mill-ewwel digriet tal-31 ta' Jannar 2008.*

*"Il-provvedimenti* ***tal-Artikolu 229*** *certament ma jikkontemplawx din il-possibbilta`. L-Artikolu 229(4) jaghmilha cara li biex wiehed jitlob lill-Qorti tirrikunsidra digriet taghha stess, <u>ma jridx ikun sar appell minnu.</u> Jigifieri f'dak it-terminu ta' sitt ijiem minn meta jkun inqara d-digriet fil-miftuh, il-parti aggravata tista' jew tappella mid-digriet jew titlob lill-Qorti ghar-rikunsiderazzjoni. Jew wahda jew l-ohra. Ma tistax dik il-parti taghmel rikors ghal rikonsiderazzjoni u wkoll rikors tal-appell. U wisq anqas ma tista' taghmel rikors ghal rikonsiderazzjoni, toqghod tistenna l-ezitu tieghu, imbaghad tiddeciedi li tappella mid-digriet originali erba' xhur u ghaxart ijiem wara!*

*"Dan ir-rikors tal-appell mid-digriet tal-31 ta' Jannar 2008 huwa ghalhekk null. Tali nullita` tista' tigi sollevata, kif fil-fatt qed tigi sollevata 'ex officio' mill-Qorti stante li t-termini u l-modalita` tal-appell huma materji ta' ordni pubbliku." (Sottolinear ta' din il-Qorti)*

*Dan kollu jghodd ghal din il-kawza.*

*Hu interessanti wkoll dak li qalet din il-Qorti (Sede Inferjuri) f'kuntest differenti fil-kawza* ***Abela v. Direttur tas-Sigurta` Socjali****, deciza fis-6 ta' Gunju 2008, fis-sens illi:*

*"Lanqas ma jidher, imbaghad, illi hu guridikament accettabbli illi s-sokkombenti, li ma jkunx ippropona appell mid-decizjoni fil-mertu u fiz-zmien utli, japprofitta ruhu mic-cahda tat-talba tieghu ghal rikonsiderazzjoni biex jintroduci appell ta' impunjattiva ta' dik l-istess decizjoni li tkun ghaddiet in gudikat."*

Ikonsidrat **li l-artikolu 229(4) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi:

*"(4) Fil-każ ta' xi digriet li jingħata taħt is-subartikoli (2) u (3), sakemm ma jkunx ġie preżentat rikors ta' appell, il-parti aggravata tista', b'rikors li jiġi preżentat fi żmien sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara bil-miftuħ fil-qorti, titlob lill-qorti li tkun tat id-digriet sabiex tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha. Fir-rikors għandu jkun hemm ir-raġunijiet kollha dettaljati li jsaħħu t-talba u dan għandu jiġi notifikat lill-parti l-oħra li jkollha dritt tippreżenta risposta fi żmien sitt ijiem mill-jum tan-notifika".*

Illi din il-Qorti taqbel li t-talba kif dedotta ma tistax tigi akkolta minhabba li l-artikolu 229(4) fuq citat ma jippermettix lir-rikorrent li jzomm zewg toroq miftuha simultanjament. Irid jaghzel hu u t-talba ghar-rikonsiderazzjoni tista' ssir <u>biss</u> f'kaz li ma jkunx gie prezentat rikors ta' appell. Ikun kontra sens li jithalla jipprezenta rikors ta' appell <u>wara</u> c-cahda tat-talba ghar-rikonsiderazzjoni.

*In ogni caso*, anke li kieku din il-Qorti kellha titlaq mill-gurisprudenza citata u takkorda tali talba, kif gja premess gjaladarba t-termini stipulati fl-artikolu 169 tal-Kap 12 skadew, il-kontinwazzjoni tal-procediment odjern skont ir-regoli tal-procedura sommarja specjali ikunu nulli.

Ghal dawn il-motivi tichad ukoll it-tieni talba.

L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**25 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Ottubru 2016**